MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2004

Talba Numru. 1660/2003

**MIMS Supplies Ltd**

**Vs**

**Vella Thomas**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas tas-somma ta' Lm183.74 (mija tlieta u tmenin lira Maltin u erbgha u sebghin centezmu) dovuti bhala bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjez inkluz dak tal-mandat kawtelatorju prezentat kontestwalment u bl-interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-

kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fit-30 ta’ Marzu 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gew ipprezentati fis-30 ta’ Settembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------